# REĠJUN ĊENTRU

MINUTI

Laqgħa tar-Reġjun Numru 13

IT-TIELET LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 13

L-Erbgħa 5 ta' Settembru 2018

Ir-Reġjun Ċentru ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Uffiċċju Amministrattiv, 'Mabruka', Triq il-Qasab, San Ġwann, fil-5:30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sur Michael Fenech Adami – President
Is-Sinjura Magda Magri Naudi – Sindku Ħal Lija
Is-Sinjura Rita Borg – Viċi Sindku Birkirkara
Is-Sinjura Margaret Baldacchino Cefai – Sindku Imsida
Is-Sur Andrè Grech – Viċi Sindku Ħal Balzan
Is-Sur Anthony Chricop – Sindku Tas-Sliema
Is-Sur Dominic Cassar – Kunsillier San Ġwann
Is-Sur Conrad Borg Manchè – Sindku Gżira
Is-Sur Stephen Sultana – Sindku Santa Venera
Is-Sur Anthony Dalli – Sindku L-Iklin

ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Is-Sur Stefan Cordina – Viċi President
Is-Sur Guido Dalli – Sindku San Ġiljan

ASSENTI

Is-Sur Keith Tanti – Sindku Pietà
Is-Sur Maximillian Zammit – Sindku Ta' Xbiex

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sinjura Jeanette Galea – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Il- President, is-Sur Michael Fenech Adami, qal it-talba u ppresjeda l-laqgħa.

## 13.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

13.1.1 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, ippreżenta u qara l-ittra ta' apoloġija tas-Sur Stefan Cordina u tas-Sur Guido Dalli u l-membri preżenti unanimament aċċettaw l-ittri ta' apoloġija.

## 13.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

13.2.1 Il-minuti tas-Seduta Nru 12 li saret nhar l-Erbgħa 8 ta' August 2018 kienu meħuda bħala moqrija.

13.2.2 Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sinjura Galea, xtaqet tressaq korrezzjoni fil-minuti taħt punt numru 12.8 – 'Items oħra ta' xogħol iehor tar-Reġjun li jkunu meħtieġa' fejn kellu jkun hemm miktub li l-emejl mingħand il-Kunsill Lokali ta' Ħal Lija kien talab li jiġu approvati l-ammonti li ntefqu sabiex saru xogħol ta' reparazzjoni ta' wiring fiċ-Ċentru Rekreattiv u *flood lights* għall-ammont ta' €803.20 kif ukoll xogħol ta' *patching* fl-inħawi ta' Ħal Mann għat-total ta' €4,997.30. Dawn il-pagamenti ser jinħarġu mill-LES surplus.

13.2.3 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li dan l-*item* kien imressaq fil-laqgħa preċedenti kif ukoll approvat fl-istess laqgħa però bi żbal inżammet l-istess kitba li kien hemm fil-minuti preċedenti u għal din ir-raġuni dan il-punt għandu jiġi ikkoreġut.

13.2.4 Il-minuti kienu approvati unanimament fuq proposta mis-Sindku ta' Ħal Lija, mis-Sinjura Magda Magri Naudi, u sekondati mill-Kunsillier ta' San Ġwann, mis-Dominic Cassar.

## 13.3 Komunikazzjoni mill-President

13.3.1 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, informa lill-membri dwar it-tielet avveniment sportiv li ser issir nhar il-Ġimgħa 26 ta' Ottubru 2018, mid-9 ta' filgħodu san-nofsija. Dan l-avveniment ser ikun *Sports Day* għat-tfal fis-Sena 4, 5 u 6 u li jmorru fl-iskejjel primarji tal-Gvern li jaqgħu taħt ir-Reġjun. Huwa spjega kif dan l-avveniment ser jinżamm fil-*grounds* tal-Kulleġġ San Ġorġ Preca, il-Ħamrun.

13.3.2 Għal dan l-avveniment ir-Reġjun ser jgħin sabiex jiġi organizzat trasport minn kull skola għal Ħamrun u lura. Apparti li ser ikun hemm diversi logħob, ser ikun hemm ukoll atletiċi magħrufa kif ukoll tliet fotografers li ser ikunu qed iduru sabiex jieħdu r-ritratti.

13.3.3 Il-President talab sabiex f'din il-ġurnata l-uffiċċju amministrattiv jinżamm magħluq fil-ħin ta' l-avveniment u l-impjegati tar-Reġjun ikunu jistgħu jattendu u anke jgħinu fil-preparazzjonijiet.

13.3.4 Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sinjura Galea, spjegat li biex isir hekk irid ikun hemm l-approvazzjoni mid-Dipartiment għal Gvern Lokali. Għal din ir-raġuni, s-Sinjura Galea ser

tistaqsi dwar dan.

13.3.4 Il-President qal ukoll kif waqt dan l-avveniment mhux ser jingħataw trofej peress li din mhix kompetizzjoni ta' min hu l-aħjar pero ser jitqassmu frott, ikel u xorb nutrittiv lill-parteċipaneti kollha.

13.3.5 Il-President ħeġġeġ lill-membri preżenti sabiex jieħdu nota ta' dan l-avveniment u jkunu preżenti.

13.3.6 *17:49pm – is-Sindku ta' Santa Venera, is-Sur Stephen Sultana, wasal għal din il-laqgħa.*

## 13.4 Tweġibiet mill-Mistoqsijijiet tal-Membri

13.4.1 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, staqsa lill-membri jekk kienx hemm mistoqsijiet li xtaqu jressqu waqt din il-laqgħa.

13.4.2 Ma kien hemm l-ebda mistoqsija mressqa mill-membri.

## 13.5 Rapporti – *Financial Quarterly Report* – April sa Ġunju 2018

13.5.1 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, informa lill-membri preżenti li ma kien hemm l-ebda rapport xjiġi ppreżentat f'din il-laqgħa.

## 13.6 Vakanza – *Accounts Officer*

13.6.1 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, informa lill-membri li fuq l-approvazzjoni tal-membri li kienu preżenti fil-laqgħa preċedenti, is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lis-Sinjorina Pamela Borg u hi nfurmat lil dan ir-Reġjun li setet tibda l-impjieg magħna minn nhar it-Tnejn 20 ta' Awwissu 2018. Wara li s-Sinjorina Borg aċċettat din il-pożżiżżjoni, is-Segretarju Eżekuttiv ġiet infurmata li l-applikanta ma riditx tiġi u għal din ir-raġuni s-Segretarju Eżekuttiv kompliet bil-proċess billi nfurmat lil Jobsplus tibgħat l-lista tan-nies eleġibli taħt Part 1.

13.6.2 Minn erbgħa applikanti, tnejn bagħatu s-CVs tagħhom però applicant wieħed ikkonferma li kien ser jattendi għall-intervista. Bi żvista ta' dan, is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil Jobsplus sabiex tintbagħta l-lista ta' applikanti li huma eleġibli taħt Part 2 u l-intervista ta' l-applikant taħt Part 1 ikun ikluż ma dawk l-applikanti li jressqu x-xewqa tagħhom għal din is-sejħa. Għal din ir-raġuni aktar dettalji dwar din il-vakanza għandha tingħata fil-laqgħa tar-Reġjun li jmiss.

13.6.3 Il-membri preżenti qablu dwar dan.

## 13.7 Kuntratti fuq il-Kiri ta' l-Uffiċċju tar-Reġjun

13.7.1 Il-President ressaq fuq il-mejda abboz ta' ftehim għall-uffiċċju tat-Tribunal li ġie ppreparat min-Nutar Dott. Dorian Scibberras. Huwa spjega kif il-kuntratt ġie ffinaliżżat pero kien hemm problema peress li l-mara ta' sid il-post ma xtaqitx li isemha jkun inkluż f'dan l-abbozz.

13.7.2 Għalkemm in-nutar tar-Reġjun offra li jmur fuq il-post hu biex tagħtieħ l-approvazzjoni tagħha, hi r-rifjutat u kien hemm qbil sabiex is-Sinjura Farrugia tibgħat ittra bil-miktub fejn tindika li hi ma ssib l-ebda oġġezzjoni fuq dan il-ftehim.

13.7.3 Il-membri preżenti unanimament qablu dwar dan u għal din ir-raġuni dan l-abbozz għandu jiġi iffirmat u konkluż fil-ġimgħat li ġejjin.

## 13.8 Items oħra ta' Xogħol ieħor tar-Reġjun li jkunu meħtieġa

- *E-mejl mingħand id-DLG*

13.8.1 Il-President ressaq fuq il-mejda e-mejl mingħand id-DLG sabiex nikkonfermaw lis-Sinjura Marica Mifsud bħala Deputat Segretarju Eżekuttiv għar-Reġjun Ċentru.

13.8.2 Il-membri preżenti ma sabu l-ebda oġġezzjoni dwar dan.

- *E-mejl mingħand il-Kunsill Lokali ta' Birkirkara*

13.8.3 Il-President ressaq it-talba ta' dan il-Kunsill sabiex l-ispiża ta' €37,365.00 sabiex sar refurbishment fil-Bandli John Borg, tigi imħalsa mill-fondi taċ-ċitazzjonijiet.

13.8.4 Il-membri preżenti unanimament approvaw dan.

- *European Weak of Regions 2018*

13.8.5 Il-President spjega kif dan ir-Reġjun irċieva korrispondenza mis-Sur Fabian Galea fejn għal din is-sena l-Kunsilli kienu mistidnin japplikaw għal din l-attivita' li ssir kull sena ġewwa Brussel. Is-Sinjura Margaret Baldacchino Cefai kif ukol is-Sur Anthony Chircop ressqu x-xewqa tagħhom li jattendu għal din l-attivita. Peress li kellha tittieħed deċizjoni san har it-Tlieta 28 t'Awwissu 2018, dan ir-Reġjun iddeċieda li is-Sinjura Margaret Baldacchino Cefai għandha tattendi.

13.8.6 Il-membri preżenti ma sabu l-ebda oġġezzjoni dwar dan.

- *Vacation Leave – Segretarju Eżekuttiv*

13.8.7 Il-President ressaq it-talba tas-Segretarju Eżekuttiv, is-Sinjura Jeanette Galea, sabiex itella ħamsin siegħa ta' *vacation leave* mis-sena 2018 għas-sena 2019.

13.8.8 Il-membri preżenti unanimament qablu dwar dan.

- *Kwotazzjoni għal blinds*

13.8.9 Il-President ressaq kwotazzjoni mingħand 'Your Blinds Malta's sabiex jitwaħħlu blinds fl-uffiċċju tas-Segretarju Eżekuttiv għall-ammont ta' **€394.00**.

13.8.10 Il-membri unanimament approvaw din il-kwotazzjoni.

- *Kwotazzjoni għal Xkaffar*

13.8.11 Il-President ressaq fuq il-mejda kwotazzjoni minghand 'Storage Systems Ltd' sabiex jiġu nstallati xkaffar ġodda fil-kamra tal-bejt fl-uffiċċju amministrattiv peress li l-garaxx huwa mimli kompletament.

13.8.12 Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat kif il-garaxx ta' Baħar iċ-Ċagħaq huwa mimli kompletament u l-garaxx fl-ufficċju amministrattiv jesa biss numru żgħir ħafna ta' kaxxex.

13.8.13 Il-President issuġġerixxa li għandha tinħareġ sejħa sabiex id-dokumenti kollha jiġu scanned u dawn il-kaxxex, b'mod speċjali dawk antiki, jiġu mgħormija.

13.8.14 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li għandha l-ewwel issaqsi lis-Sinjura Elizabeth Vassallo dwar dan peress li s-Sinjura Vassallo dejjem insistiet li għalkemm antiki, d-dokumenti oriġinali għandhom jinżammu f'każ ta' appell.

13.8.15 Il-membri preżenti unanimament approvaw din il-kwotazzjoni.

## 13.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

13.8.1 Is-Sindku ta' l-Imsida, is-Sinjura Margaret Baldacchino Cefai, sekondat mill-Viċi Sindku ta' Birkirkara, is-Sinjura Rita Borg, resqet mozzjoni biex jiġu approvati l-ħlasijiet tal-pagamenti mniżżla fl-iskeda tal-pagamenti Nru. 12A u 12B.

13.8.2 Il-Mozzjoni għaddiet *nem.com*.

## 13.10 Mozzjonijiet

13.9.1 Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sinjura Jeanette Galea, infurmat li ma kien hemm l-ebda mozzjoni mressqa mill-membri.

## 13.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

13.11.1 Il-laqgħa intemmet fit-6:15pm u ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa 3 ta' Ottubru 2018 u fil-5:30pm.

Konfermati, illum l-Erbgħa 3 ta' Settembru, 2018.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Michael Fenech Adami | Jeanette Galea |
| President | Segretarju Eżekuttiv |